MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 710/2002

**First International Limited**

**vs**

**Rapid-ADS Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, seba mija u erbgha u tmenin Liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm3,784.71), liema somma tirraprezenta prezz ta' merkanzija lis-socjeta' konvenuta mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Novembru 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokument a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fil-22 ta' Jannar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3,784.71,0 bl-imghaxijiet legali "a scaletta' skond l-"statement" a fol 2 tal-atti, mit-23 ta' Frar 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Novembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv.

--------------------------------TMIEM--------------------------------